



Brussell, 2 ta' Settembru 2025
(OR. en)

11136/25

LIMITE

CORLX 723
CFSP/PESC 1068
RELEX 905
FIN 811
COEST 541

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014
dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu
l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) u (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj>.

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill, jenħtiegħ li tiġi aġġornata l-informazzjoni dwar 142 individwu u 134 entità fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014. Barra minn hekk, jenħtiegħ li l-entrati għal persuna waħda deċeduta u għal persuna waħda oħra jiġihassru minn dak l-Anness.
- (3) Għalhekk, jenħtiegħ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata li tikkonċerna l-persuna deċeduta li ġejja tiĥassar:

“1276 Konstantin Vladimirovich ZAVIZENOV (Константин Владимирович ЗАВИЗЕНОВ)”;

(2) l-entrata li tikkonċerna lill-persuna li ġejja hija mħassra:

“1202. Pavel EZUBOV (Павел ЕЗУБОВ)”;

(3) l-entrati li jikkonċernaw il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

Persuni

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|------|--|---|--|------------------|
| "11. | Andrei Aleksandrovich KLISHAS (Андрей Александрович КЛИШАС) | Sess: raġel Data tat-twelid: 9.11.1972 Post tat-twelid: Sverdlovsk (Ekaterinburg), Russian Federation | President tal-Kumitat dwar il-Liġi Kostituzzjonali u l-Bini tal-Istat tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Plenipotenżjarju tal-Kunsill Federali fil-Qorti Kostituzzjonali tar-Russja u fl-uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali. Fl-1 ta' Marzu 2014 Klishas appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. F'dikjarazzjonijiet pubbliċi Klishas ipprova jiġġustifika intervent militari Russu fl-Ukrajna billi ddikjara li "l-President tal-Ukrajna jappoġġa l-appell tal-awtoritajiet tal-Krimea lill-President tal-Federazzjoni Russa dwar l-ġhoti ta' assistenza komprensiva għad-difiża taċ-ċittadini tal-Krimea". | 17.3.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elencar |
|--|------|------------------------------------|---|------------------|
| | | | <p>Fit-22 ta' Frar 2022, Klishas appoġġa, fil-Kunsill Federali, ir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern tat-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".</p> <p>Fit-22 ta' Frar 2022, Klishas appoġġa, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna.</p> <p>Fl-4 ta' Ottubru 2022, Klishas appoġġa, fil-Kunsill Federali, il-leġiżlazzjoni għall-annessjoni tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia.</p> | |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-----|--|---|--|------------------|
| 22. | Dmitry Olegovich ROGOZIN (Дмитрий Олегович РОГОЗИН) | Sess: raġel Data tat-twelid: 21.12.1963 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation | Eks Viċi Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea. Eks Direttur Ġenerali f'korporazzjoni tal-Istat. Fit-23 ta' Settembru 2023, ġie elett bħala senatur għall-Kunsill Federali mir-reġjun ta' Zaporizhzhia. Membru tal-Kumitat tal-Kunsill Federali għad-Difiża u s-Sigurtà. Imexxi grupp ta' konsulenti militari, li jipprovdu appoġġ militari-tekniku lill-persunal militari ta' Donetsk u Luhansk. | 21.3.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-----|---|--|--|------------------|
| 23. | Sergey Yurievich GLAZYEV (Сергей Юрьевич ГЛАЗЬЕВ) | Data tat-twelid: 1.1.1961 Post tat-twelid: Zaporizhzhia, USSR (issa Ukraine) Sess: raġel | Eks konsulent tal-President tal-Federazzjoni Russa dwar l-iżvilupp ekonomiku. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea u jappoġġa l-gwerra kontra l-Ukrajna. Eks Ministru għall-Integrazzjoni u l-Makroekonomija fil-Kummissjoni Ekonomika Ewrasjatika. Attwalment għandu pożizzjonijiet akkademiċi differenti ta' grad għoli, b'mod partikolari fil-Faculty of Social Sciences tal-Higher School of Economics u r-Russian Academy of Sciences. Maħtur Segretarju tal-Istat tal-Unjoni tal-Istat tar-Russja u l-Belarussja fis-17 ta' April 2025. | 21.3.2014 |
| 78. | Sergei Orestovich BESEDA (Сергей Орестович БЕСЕДА) | Sess: raġel Data tat-twelid: 17.5.1954 | Eks kmandant tal-Ħames Servizz tas-Servizz tas-Sigurtà Federali (FSB) tal-Federazzjoni Russa. Attwalment konsulent tad-Direttur tal-FSB. Bħala uffiċjali għoli tal-FSB (Kurunell-Ġeneral), huwa jmexxi servizz responsabbli li jissorvelja l-operazzjonijiet ta' intelligence u l-attività internazzjonali. | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|------|--|---|---|-----------------|
| 108. | Vladimir Abdualiyevich VASILYEV (Владимир Абдуалиевич ВАСИЛЬЕВ) | Data tat-twelid: 11.8.1949 Post tat-twelid: Klin, Moscow Region, USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel | Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014, ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-'Repubblika tal-Krimea' u l-formazzjoni fil-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir-'Repubblika tal-Krimea' u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". Eks kap tar-Repubblika ta' Dagestan. Eks Konsulent tal-President tal-Federazzjoni Russa. President tal-kummissjoni permanenti tal-Assemblea Parlamentari tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar is-Sigurtà Kollettiva dwar id-difiża u s-sigurtà. Membru tad-Duma tal-Istat u mexxej tal-fazzjoni United Russia fid-Duma tal-Istat. F'dik il-kapaċità pparteċipa fir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-'Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' u t-'Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'. | 12.9.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|------|--|---|--|-----------------|
| | | | <p>Fit-3 ta' Ottubru 2022, fid-Duma tal-Istat, Vasilyev appoġġa l-leġislazzjoni biex jiġu annessi r-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia.</p> <p>B'hekk huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u implimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.</p> | |
| 197. | <p>Leonid Vladimirovich МИХАЙЛИУК (Леонид Владимирович МИХАЙЛЮК)</p> | <p>Sess: raġel Data tat-twelid: 1.1.1970 jew 8.7.1963 Nazjonalità: Russa Indirizz (Xogħol): 295034, Simferopol, 13 I. Franko blvd., Crimea, Ukraine</p> | <p>Kap tad-Direttorat tas-Servizz tas-Sigurtà Federali (FSB) tal-Federazzjoni Russa għall-Krasnodar Krai.</p> <p>Eks Kap tal-FSB fil-Krimea u Sevastopol u tal-Kumitat reġjonali Kontra t-Terroriżmu.</p> <p>Mexxa l-forzi tal-FSB, li intensifikaw il-kampanja ta' oppressjoni kontra l-opponenti tal-okkupazzjoni illegali tal-Peniżola tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa. Uħud mill-attivisti favur l-Ukrajna detenuti mill-unitajiet tal-FSB taħt il-kmand tiegħu ġew trasferiti bil-forza lejn Krasnodar u Rostov-on-Don fir-Russja. Huwa b'hekk b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> | 11.10.2021 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|------|--|---|---|------------------|
| 264. | Vladimir Nikolaevich BLOTSKY (Владимир Николаевич БЛОЦКИЙ) | Data tat-twelid: 10.11.1977 Sess: raġel | Eks Membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-risoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 23.2.2022 |
| 300. | Yuri Aisovich NAPSO (Юрий Аисович НАПСО) | Data tat-twelid: 17.4.1973 Sess: raġel | Eks Membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-risoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 23.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|------|--|---|---|------------------|
| 391. | Nikolay Nikolaevich ALEXEYENKO (Николай Николаевич АЛЕКСЕЕНКО) | Data tat-twelid: 29.11.1971 Sess: raġel | Eks Membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 23.2.2022 |
| 406. | Anton Aleksandrovich BASANSKY (Антон Александрович БАСАНСКИЙ) | Data tat-twelid: 9.7.1987 Sess: raġel | Eks Membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 23.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|------|--|--|---|------------------|
| 513. | Vitaliy Vasilevich KUSHNAREV (Виталий Васильевич КУШНАРЁВ) | Data tat-twelid: 1.5.1975 Sess: raġel | Eks Membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 23.2.2022 |
| 548. | Evgeny Alexeyevich PERVYSHOV (Евгений Алексеевич ПЕРВЫШОВ) | Data tat-twelid: 4.5.1976 Sess: raġel | Eks Membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Fl-4 ta' Novembru 2024, il-President tal-Federazzjoni Russa ħatru gvernatur tar-reġjun ta' Tambov. | 23.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|------|---|--|--|-----------------|
| 561. | Aleksandr Sergeevich PROKOPYEV (Александр Сергеевич ПРОКОПЬЕВ) | Data tat-twelid: 5.8.1986 Sess: raġel | Eks Membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Huwa nħatar Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku tar-Repubblika ta' Altai f'Ġunju 2024. | 23.2.2022 |
| 632. | Alexander Evseyevich KHINSHTEIN (Александр Евсеевич ХИНСШТЕЙН) | Data tat-twelid: 26.10.1974 Sess: raġel | Eks membru tal-Kunsill Federali li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Aġent Gvernatur ta' Kursk Oblast mill-5 ta' Diċembru 2024. | 25.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|------|---|---|---|------------------|
| 634. | Dmitry Anatolievich KHUBEZOV (Дмитрий Анатольевич Хубезов) | Data tat-twelid: 20.12.1971 Sess: raġel | Eks membru tal-Kunsill Federali li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-“Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk” u t-“Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”. F'Ottubru 2024, huwa nħatar Ministru għas-Saħħa u Viċi Kap tar-Repubblika ta' Altai. | 25.2.2022 |
| 638. | Grigory Vladimirovich SHILKIN (Григорий Владимирович Шилкин) | Data tat-twelid: 20.10.1976 Sess: raġel | Eks membru tal-Kunsill Federali li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-“Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk” u t-“Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”. | 25.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|------|---|--|---|------------------|
| 640. | Elena Alexandrovna YAMPOLSKAYA (Елена Александровна Ямпольская) | Data tat-twelid: 20.6.1971 Sess: mara | Eks membru tal-Kunsill Federali li rratifikat id-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-“Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk” u t-“Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”. Konsulent tal-President tal-Federazzjoni Russa mill-14 ta' Mejju 2024. | 25.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|------|---|--|---|------------------|
| 678. | Dmitry Nikolaevich CHERNYSHENKO (Дмитрий Николаевич ЧЕРНЫШЕНКО) | Data tat-twelid: 20.9.1968 Post tat-twelid: Saratov, Russia Funzjoni: Viċi Prim Ministru tar-Russja għat- Turiżmu, l-Ispport, il- Kultura u l- Komunikazzjoni Eks membru tal-Bord tad- Diretturi ta' Russian Railways Sess: raġel | Dmitry Chernyshenko huwa l-Viċi Prim Ministru tar-Russja għat-Turiżmu, l-Ispport, il-Kultura u l-Komunikazzjoni u sa Ġunju 2024 kien ukoll membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Russian Railways, maħtur f'din il-pożizzjoni mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. F'Ottubru 2021, ir-Russja bdiet tisħiħ tal-forzi militari bla preċedent fuq il-fruntiera mal-Ukrajna, jew qribha, u fir-reġjun okkupat tal-Krimea tal-Ukrajna. Hemmhekk, il-Forzi Armati Russi wettqu eżerċizzji militari fuq skala kbira. Dan wassal għal eskalazzjoni tal-konflitt u qiegħed pressjoni destabilizzanti fuq l-Ukrajna. Kemm il-persunal militari kif ukoll it-tagħmir militari tal-Forzi Armati Russi ġew trasportati għaż-żoni qrib il-fruntiera Ukrena minn Russian Railways li tagħha s-Sur Chernyshenko huwa membru fil-Bord tad-Diretturi. Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja nediet aggressjoni militari fuq skala kbira kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna. | 28.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|------|---|--|--|------------------|
| 680. | Vitaly Gennadyevich SAVELYEV (Виталий Геннадьевич САВЕЛЬЕВ) | Data tat-twelid: 18.1.1954 Post tat-twelid: Tashkent, Uzbekistan Funzjoni: Viċi Prim Ministru tar- Russja għat-Trasport; Membru tal-Bord tad- Diretturi ta' Russian Railways, attwalment il- president tal-Bord; Ministru għat-Trasport tar- Russja mill-2020; eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Aeroflot Sess: raġel | Vitaly Savelyev huwa l-Viċi Prim Ministru tar-Russja għat-Trasport, u preċedement kellu l-pożizzjoni ta' Ministru għat-Trasport tal-Federazzjoni Russa. Huwa membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Russian Railways, maħtur f'dik il-pożizzjoni mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, u bħalissa huwa wkoll il-president tal-Bord. Huwa l-eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Aeroflot. F'Ottubru 2021, ir-Russja bdiet it-tisħiħ bla preċedent tal-forzi militari fuq il-fruntiera mal-Ukrajna, jew qribha, u fir-reġjun okkupat tal-Krimea tal-Ukrajna. Hemmhekk, il-Forzi Armati Russi wettqu eżerċizzji militari fuq skala kbira. Dan wassal għal eskalazzjoni tal-konflitt u qiegħed pressjoni destabilizzanti fuq l-Ukrajna. Kemm il-persunal militari kif ukoll it-tagħmir militari tal-Forzi Armati Russi ġew trasportati lejn iż-żoni qrib il-fruntiera Ukrena minn Russian Railways, li tagħha s-Sur Savelyev huwa membru tal-Bord tad-Diretturi. | 28.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|--|------|------------------------------------|--|------------------|
| | | | <p>Aeroflot taħt it-tmexxija tas-Sur Savelyev iprovdiet trasport bl-ajru regolari għall-passiġġieri bejn ajruporti Russi u l-ajruport internazzjonali ta' Simferopol, u għalhekk appoġġat il-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment fil-Federazzjoni Russa, li mbagħad kompliet iddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv, ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.</p> | |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|------|---|--|--|-----------------|
| 681. | <p>Andrey Anatolyevich TURCHAK</p> <p>(Андрей Анатольевич ТУРЧАК)</p> | <p>Data tat-twelid: 20.12.1975</p> <p>Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa St Petersburg, Russian Federation)</p> <p>Funzjoni: Gvernatur tar-Repubblika ta' Altai tal-Federazzjoni Russa; Eks Segretarju tal-Kunsill Ġenerali tal-partit United Russia; Eks l-ewwel viċi speaker tal-Kunsill tal-Federazzjoni</p> <p>Sess: raġel</p> | <p>Andrey Turchak kien preċedentement is-segretarju tal-Kunsill Ġenerali tal-Partit United Russia u l-ewwel viċi speaker tal-Kunsill tal-Federazzjoni. Bħalissa huwa l-gvernatur tar-Repubblika ta' Altai tar-Russja. Is-suċċess politiku tiegħu huwa marbut ma' missieru, Anatoly Turchak, li kien jitħarreġ fil-judo mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u mal-aħwa Rotenberg. Ippromwova attitudni pożittiva għar-rikonoxximent tal-hekk imsejħa "Repubbliki tal-Poplu" separatisti ta' Donetsk u Luhansk.</p> <p>Appella lill-awtoritajiet Russi biex jipprovdu armi avvanzati lill-forzi separatisti favur ir-Russja fir-reġjun ta' Donbas. Stqarr pubblikament li kien impossibbli li l-kunflitt ta' Donbas jissolva b'mod paċifiku mal-awtoritajiet Ukreni. Esprima allegazzjonijiet infondati dwar offensiva militari Ukrena ppjanata f'Donbas. Mexxa n-negozjati ma' Denis Pushilin, kap tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu" separatista ta' Donetsk. F'Jum id-Difensur tal-Patrija żar punt ta' mobilizzazzjoni tal-forzi armati separatisti fiż-żona tal-ewwel linja ta' Donbas biex personalment jifraħ lis-soldati tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu" separatista ta' Donetsk. Iddefenda pubblikament id-deċiżjoni tar-Russja li tirrikonoxxi r-"repubbliki" separatisti ta' Donbas. Iddikjara li r-Russja hija indifferenti għas-sanzjonijiet tal-Punent.</p> | 28.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|--|------|------------------------------------|---|------------------|
| | | | <p>Inħatar kap ta' grupp ta' koordinazzjoni parlamentari li l-kompitu ewlieni tiegħu huwa li jtejjeb il-forniment tal-armata Russa u jħejji l-leġiżlazzjoni meħtieġa.</p> <p>Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv, ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.</p> | |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|------|---|---|--|------------------|
| 690. | Sergei Mikhailovich PINCHUK (Сергей Михайлович ПИНЧУК) | Data tat-twelid: 26.7.1971 Post tat-twelid: Sevastopol, Ukrainian SSR (issa Ukraine) Funzjoni: Ammirall, Kap Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed Sess: raġel | Sergey Pinchuk huwa l-Ammirall u l-Kap Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, li hija subordinata għad-Distrett Militari tan-Nofsinhar tal-Forzi Armati Russi, u kien involut f'azzjonijiet militari kontra l-Ukrajna. Minn nofs Ottubru 2021, il-forzi militari Russi bdew tisħiħ mingħajr preċedent tal-preżenza tagħhom fil-fruntiera tal-Ukrajna jew qribha u fir-reġjun okkupat tal-Krimea tal-Ukrajna. F'dan ir-rigward ħafna osservaturi u dawk li jfasslu l-politika esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' invażjoni Russa ġdida tal-Ukrajna jew azzjonijiet aggressivi oħra. Forzi tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed ħadu sehem f'eżerċizzji militari fuq skala kbira qrib il-fruntieri tal-Ukrajna u l-ġewwa minnhom. | 28.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|--|------|------------------------------------|--|------------------|
| | | | <p>Wara d-deċiżjoni ta' Vladimir Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", suldati tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar daħlu fit-territorju ta' dawk iż-żewġ repubbliki awtoproklamati. Meta fl-24 ta' Frar 2022 ir-Russja nediet invażjoni militari fuq skala sħiħa fuq l-Ukrajna, it-truppi Russi tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed wettqu operazzjonijiet ta' nżul l-art f'Mariupol u Odessa.</p> <p>Għalhekk, Sergei Pinchuk huwa responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.</p> | |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|------|---|--|--|------------------|
| 692. | Rustam Usmanovich MURADOV (Рустам Усманович МУРАДОВ) | Data tat-twelid: 21.3.1973 Post tat-twelid: Dagestan, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: Kurunell Ġeneral, L-ewwel Viċi Kap Kmandant tal-Forzi tal-Art tar-Russja, Eks Kmandant tad-Distrett Militari tal-Lvant, Eks Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar Sess: raġel | Rustam Muradov huwa Kurunell Ġeneral u L-ewwel Viċi Kap Kmandant tal-Forzi tal-Art tar-Russja. Huwa wkoll eks Kmandant tad-Distrett Militari tal-Lvant. Qabel kien il-viċi kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar li kien involut f'azzjonijiet militari kontra l-Ukrajna. F'Lulju 2022 inħatar kmandant tal-grupp tal-forzi tar-Russja "Vostok" li jopera fl-Ukrajna. | 28.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|--|------|------------------------------------|--|------------------|
| | | | <p>Dan l-aħħar l-Ukrajna saret il-mira ewlenija tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar. Minħabba dan, ġiet iffurmata t-tmien Armata l-ġdida u ġiet estiża l-preżenza tad-Distrett fit-territorju tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Minn nofs Ottubru 2021, il-forzi militari Russi bdew tisħiħ mingħajr preċedent tal-preżenza tagħhom fil-fruntiera tal-Ukrajna jew qribha u fir-reġjun okkupa tal-Krimea tal-Ukrajna. F'dan ir-rigward ħafna osservaturi u dawk li jfasslu l-politika esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' invażjoni Russa ġdida tal-Ukrajna jew azzjonijiet aggressivi oħra. Truppi mid-Distrett Militari tan-Nofsinhar wettqu eżerċizzji militari f'żoni madwar l-Ukrajna u ċaqalqu gruppi tattiki tal-artillerija u tal-battaljun fil-peniżola tal-Krimea. Id-Distrett Militari tan-Nofsinhar issorvelja wkoll l-eżerċizzji militari tal-forzi armati tar-"repubbliki" separatisti. Wara d-deċiżjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", is-soldati tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar daħlu fit-territorju ta' dawn iż-żewġ repubbliki awtoproklamati. Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja nediet invażjoni militari fuq skala kbira tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Rustam Muradov huwa responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.</p> | |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elencar |
|------|--|---|--|------------------|
| 694. | Gennady Nikolayevich TIMCHENKO (Геннадий Николаевич ТИМЧЕНКО) | Data tat-twelid: 9.11.1952 Post tat-twelid: Leninakan, USSR (issa Gyumri, Armenia) Nazjonalità: Armena, Russa, Finlandiża Funzjoni: Sid il-grupp ta' investiment privat Volga Group Sess: raġel | Gennady Timchenko ilu żmien jaf lill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u huwa deskritt b'mod ġenerali b'halha wieħed mill-persuni ta' fiduċja tiegħu. Qed jibbenefika mir-rabtiet tiegħu ma' persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja. Huwa fundatur u azzjonist ta' Volga Group, grupp ta' investiment b'portafoll ta' investimenti f'setturi ewlenin tal-ekonomija Russa. Volga Group jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija Russa u l-iżvilupp tagħha. Huwa wkoll azzjonist ta' Bank Rossiya, li jitqies b'halha l-bank ta' Putin u ta' dawk assoċjati miegħu. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, Bank Rossiya fetaħ fergħat kullimkien fil-Krimea u f'Sevastopol, u b'hekk ikkonsolida l-integrazzjoni tagħhom fil-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, Bank Rossiya għandu interessi f'National Media Group, impriża tal-media li tikkontrolla 28 intrapriża tal-media fir-Russja li b'mod attiv qed ixerrdu l-propaganda u d-diżinformazzjoni relatati mal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. | 28.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|--|------|------------------------------------|--|------------------|
| | | | <p>Gennady Timchenko huwa wkoll it-tieni l-akbar azzjonist f'PAO Novatek, wieħed mill-akbar produttori tal-gass fir-Russja.</p> <p>Huwa wkoll il-President tal-Kunsill Kummerċjali bejn ir-Russja u ċ-Ċina. F'dik il-kapaċità, ħa sehem fiż-żjara tal-istat tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin fiċ-Ċina f'Mejju 2024, li matulha ġiet diskussa s-sitwazzjoni fl-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa responsabbli wkoll għall-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> <p>Huwa responsabbli wkoll għall-fatt li appoġġa finanzjarjament jew materjalment lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna, u li bbenefika minnhom.</p> | |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|------|--|---|---|-----------------|
| 695. | Alexey Alexandrovits MORDASHOV (Алексей Александрович МОРДАШОВ) | Data tat-twelid: 26.9.1965 Post tat-twelid: Cherepovets, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: President ta' Severstal u Severgroup Nazjonalità: Russa Sess: raġel Assoċjati: Yuriy Kovalchuk; Nikolay Shamalov | Alexey Mordashov huwa negozjant Russu b'rabtiet mill-qrib mal-gvern Russu. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Alexey Mordashov, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru ta' ċirku l-aktar qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Barra minn hekk, kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kongress tar-Russian Union of Industrialists and Entrepreneurs f'Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw il-patrijottiżmu qabel il-profitt. Alexey Mordashov huwa l-president u l-azzjonist maġġoritarju tal-kumpanija Severgroup, kumpanija ta' investiment privata b'portafoll diversifikat ta' assi, inkluż il-grupp ta' kumpaniji Cordiant, wieħed mill-manifatturi ewlenin tar-Russja ta' tajers, komponenti tal-karozzi, tagħmir termali u għodod elettriċi, u li s-sussidjarja tagħha, Severstal, topera fis-settur tal-azzar u tal-estrazzjoni u tforni prodotti speċjali tal-azzar lill-industrija militari, inkluż azzar korazzat. | 28.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|--|------|------------------------------------|---|------------------|
| | | | <p>Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p> <p>Alexey Mordashov qed jappoġġa u jimplementa wkoll azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> | |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|------|---|--|--|-----------------|
| 719. | Alexander Dmitrievich PUMPYANSKY (Александр Дмитриевич ПУМПЯНСКИЙ) | Data tat-twelid: 16.5.1987 Post tat-twelid: Yekaterinburg, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: eks President tal-Bord tad-Diretturi ta' PJSC Pipe Metallurgical Company Nazzjonalità: Russa Sess: raġel | Alexander Pumpyansky huwa iben Dmitry Pumpyansky. Dmitry Pumpyansky huwa negozjant Russu, Ko-President ta' RSPP Committee on Industrial Policy and Technical Regulation, issa Committee on Technical Regulation u President ta' Sverdlovsk regional Union of Industrialists and Entrepreneurs (SOSPP) u eks membru tal-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerç u l-Industrija (CCI) tal-Federazzjoni Russa. Dmitry Pumpyansky huwa wkoll eks President tal-Bord tad-Diretturi ta' PJSC Pipe Metallurgical Company, manifattur globali Russu ta' pajpijiet tal-azzar għall-industrija taż-żejt u tal-gass, u eks President u eks membru tal-bord ta' Group Sinara. Iż-żewġ kumpaniji jappoġġaw u jibbenefikaw mill-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa u intrapriżi tal-Istat, fosthom Russian railways, Gazprom u Rosneft. Minħabba r-relazzjoni familjali tiegħu ma' Dmitry Pumpyansky, Alexander Pumpyansky serva fuq il-Bord tad-Diretturi ta' PJSC Pipe Metallurgical Company u Group Sinara. Alexander u Dmitry Pumpyansky għandhom assi sinifikanti in komuni permezz tas-sjieda benefiċjarja aħħarija tagħhom tal-kumpanija azzjonarja Furdberg Holding Limited u pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fiha. | 9.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|--|------|------------------------------------|---|------------------|
| | | | <p>B'antiċipazzjoni għall-inklużjoni fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK, Alexander u Dmitry Pumpyansky kkoordinaw ir-rispons tagħhom billi simultanjament irriżenjaw il-pożizzjonijiet tagħhom f'PJSC Pipe Metallurgical Company u Group Sinara. Alexander Pumpyansky kiseb benefiċċju finanzjarju sinjifikanti minn dawn il-kumpaniji f'dik l-okkażjoni.</p> <p>Alexander u Dmitry Pumpyansky komplew jikkoordinaw ir-rispons tagħhom għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni billi ċedew il-kontroll nominali tal-assi li qabel kienu proprjetà ta' Furdberg Holding Limited lil persuni assoċjati mill-qrib.</p> <p>Alexander Pumpyansky huwa għalhekk membru tal-familja immedjata li jibbenefika minn missieru, Dmitry Pumpyansky, negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Alexander u Dmitry Pumpyansky għadhom jikkoordinaw ir-rispons tagħhom għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni u l-ġestjoni tal-assi li għandhom in komuni bejniethom.</p> | |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|------|---|---|---|------------------|
| 722. | Dmitry Alexandrovich PUMPYANSKY (magħruf ukoll bħala Dmitry A. PUMPIANSKY) (Дмитрий Александрович ПУМПЯНСКИЙ) | Data tat-twelid: 22.3.1964 Post tat-twelid: Ulan-Ude, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: President ta' Sverdlovsk regional Union of Industrialists and Entrepreneurs (SOSPP); Eks Viċi President tal-Bureau tal-Bord ta' Russian Union of Industrialists and Entrepreneurs; Kopresident tal-RSPP Committee on Industrial Policy and Technical Regulation, issa Committee on Technical Regulation Nazjonalità: Russa Sess: raġel | Dmitry Pumpyansky huwa negozjant ewlieni Russu li jopera fir-Russja. Fis-sentejn qabel Mejju 2025, il-ġid tiegħu żdied b'mod konsiderevoli ħafna, u dan jikkontrasta mal-affermazzjonijiet tiegħu li ma għadux involut fin-negozju. Dmitry Pumpyansky huwa Kopresident tal-RSPP Committee on Industrial Policy and Technical Regulation, issa Committee on Technical Regulation. L-RSPP tikkoopera b'mod attiv mal-gvern Russu fl-iżvilupp ta' pjanijiet ekonomiċi Russi. Dmitry Pumpyansky huwa President ta' Sverdlovsk regional Union of Industrialists and Entrepreneurs (SOSPP). Kellu pożizzjonijiet għolja f'intrapriżi metallurġiċi Russi kbar. Huwa l-eks President tal-Bord tad-Diretturi ta' TMK PAO u eks President u membru tal-Bord ta' Group Sinara. F'dawk il-kapaċitajiet appoġġa u bbenefika mill-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa u intrapriżi tal-Istat, fosthom Russian railways, Gazprom u Rosneft. De facto għadu jikkontrolla lil TMK u Group Sinara. | 9.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|--|------|------------------------------------|---|------------------|
| | | | <p>Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Dmitry Pumpyansky, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.</p> <p>Barra minn hekk inġhata l-Ordni tal-Mertu għall-Patrija, grad IV, l-Ordni tal-Unur. Kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kongress tar-Russian Union of Industrialists and Entrepreneurs f'Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw il-"patrijottiżmu qabel il-profit".</p> <p>Dawn l-elementi juru li huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tar-Russja, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p> | |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|------|--|--|---|------------------|
| 724. | Galina Evgenyevna PUMPYANSKAYA (Галина Евгеньевна ПУМПЯНСКАЯ) | Data tat-twelid: 10.2.1966 Nazjonalità: Russa Sess: mara | Galina Pumpyanskaya hija l-konjuġi ta' Dmitry Pumpyansky, negozjant ewlieni Russu u President ta' Sverdlovsk regional Union of Industrialists and Entrepreneurs (SOSPP). Żewġha huwa l-kopresident tal-RSPP Committee on Industrial Policy and Technical Regulation, issa Committee on Technical Regulation. Huwa wkoll eks President tal-Bord tad-Direttori ta' PJSC Pipe Metallurgical Company, u eks President u membru tal-Bord ta' Group Sinara. Iż-żewġ kumpaniji jappoġġaw u jibbenefikaw mill-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa u intrapriżi tal-Istat, fosthom Russian railways, Gazprom u Rosneft. Minkejja l-allegazzjonijiet tagħha li hija "rtirat mingħajr kundizzjonijiet u b'mod irrevokabbli" mill-attivitajiet karitatevoli tagħha fis-Sinara Charitable Foundation f'Jannar 2023, Galina Pumpyanskaya xorta ġiet ippreżentata bħala President tal-Bord tal-Fiduċjarji tal-Fondazzjoni ħafna wara dik id-data, u b'hekk baqgħet tidher f'attivitajiet pubbliċi u kummerċjali. Għalhekk Galina Pumpyanskaya hija membru tal-familja immedjata li tibbenefika minn żewġha Dmitry Pumpyansky. | 9.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|------|---|---|---|------------------|
| 730. | Andrey Andreevich GURYEV (Андрей Андреевич ГУРЬЕВ) | Data tat-twelid: 7.3.1982 Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: Uffiċjal Kap Eżekuttiv u President tal-Bord tat-Tmexxija ta' PJSC PhosAgro; ilu mill-2004 jaħdem ma' PhosAgro f'diversi pożizzjonijiet; mit-30 ta' Settembru 2019 Membru tal-Bureau tal-Bord tat-Tmexxija tar-Russian Union of Industrialists and Entrepreneurs (RSPP) Nazjonalità: Russa Sess: raġel | Andrey Guryev huwa azzjonist ta' PJSC PhosAgro; Membru tal-Bureau tal-Bord tar-Russian Union of Industrialists and Entrepreneurs (RSPP); il-kap tal-Committee on Corporate Social Responsibility and Sustainable Development tal-RSPP, organizzazzjoni li tirrappreżenta l-interessi taċ-ċrieki kummerċjali, inkluż fis-settur tal-fertilizzanti, fir-Russja u internazzjonalment; u President tar-Russian Association of Fertilizer Producers, organizzazzjoni stabbilita mill-akbar produttori Russi ta' fertilizzanti minerali biex tippromwovi l-interessi tagħhom fir-Russja u internazzjonalment. Huwa involut ukoll f'AgroGard, azjenda agrikola Russa, permezz ta' trust li tinvesti fil-kumpanija. Ir-Russja hija l-akbar esportatur ta' fertilizzanti fid-dinja u PhosAgro hija waħda mill-produtturi ewlenin ta' fertilizzanti fosfatiċi. Barra minn hekk, is-settur agrikolu huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali għall-Gvern Russu. Għalhekk Andrey Guryev huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 9.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elencar |
|------|--|---|--|------------------|
| 852. | Oleg Polikarpovich TKACH (Олег Поликарпович ТКАЧ) | Data tat-twelid: 23.9.1967 Sess: raġel | Eks membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-'Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' u t-'Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'. Oleg Tkach huwa l-fundatur tad-dar tal-pubblikazzjoni OLMA, li issa tissejjaħ OLMA Media Group. Permezz ta' sistema ta' bidla apparenti fis-sjieda, huwa jżomm kontroll u influwenza fuq in-negozju mwettaq minn OLMA Media Group, u b'mod partikolari d-dar tal-pubblikazzjoni "Enlightenment", li hija parti minn OLMA Media Group u li, mill-2022, kienet involuta direttament fil-promozzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk Oleg Tkach jappoġġa u implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 9.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|------|--|---|--|------------------|
| 882. | <p>Alexey Viktorovich KUZMICHEV</p> <p>(magħruf ukoll bħala Alexey Viktorovich KUZMICHOV)</p> <p>(bir-Russu: Алексей Викторович КУЗЬМИЧЁВ)</p> | <p>Funzjoni: negozjant ewlieni; wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Alfa Group</p> <p>Data tat-twelid: 15.10.1962</p> <p>Post tat-twelid: Kirov, USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Individwi assoċjati: Mikhail Fridman, Petr Aven, German Khan</p> <p>Entitajiet assoċjati: Alfa Group, Alfa Bank</p> | <p>Alexey Kuzmichev huwa azzjonist ewlieni ta' Alfa Group Consortium. Huwa klassifikat fost l-aktar persuni influwenti fir-Russja.</p> <p>Kuzmichev huwa wkoll azzjonist importanti ta' X5 Retail Group, waħda mill-aktar kumpaniji importanti tal-bejgħ bl-imnut fir-Russja, kif ukoll ta' Rosvodokanal, kumpanija oħra tal-Alfa Group Consortium u wieħed mill-operaturi privati ewlenin tal-utilitajiet tal-ilma fir-Russja.</p> <p>Barra minn hekk, it-trasferiment tal-ishma tiegħu f'A1, li huwa parti mill-Alfa Group, jitqies bħala fittizju.</p> <p>Il-kumpanija tal-assigurazzjoni AlfaStrakhovanie, sussidjarja ta' Alfa Group Consortium, tipprovdi assicurazzjoni lill-vetturi tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia), li l-unitajiet tiegħu joperaw fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna taħt il-kontroll tar-Russja, kif ukoll il-vetturi tal-gwardja personali tal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin.</p> <p>AlfaStrakhovanie pprovdi assicurazzjoni lil kumpaniji bħal JSC Kalashnikov Concern u s-Central Scientific-Research Institute for Precision Machine Engineering (TsNIITochMash), li l-armi tagħhom jintużaw ħafna mill-militar Russu fl-Ukrajna u ntużaw ukoll matul l-atroċitajiet f'Bucha.</p> | 15.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|--|------|------------------------------------|---|------------------|
| | | | <p>Barra minn hekk, X5 Retail Group, sussidjarja oħra ta' Alfa Group Consortium, tikkoopera ma' JSC Voentorg, entità soġġetta għal miżuri restrittivi li tipprovdi servizzi ta' catering u ta' ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll uniformijiet militari, lill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u li s-sussidjarja tagħha tbigħ T-shirts bis-simbolu militari "Z" użat mill-propagandisti Russi biex jipromwovu l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p> <p>Barra minn hekk, Alexey Kuzmichev huwa membru tal-Kunsill Affarijiet Internazzjonali Russu, grupp ta' riflessjoni li jwassal il-propaganda tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar l-Ukrajna u l-gwerra kontra dak il-pajjiż.</p> <p>Alexey Kuzmichev huwa għalhekk negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. B'mod attiv jappoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna, u jibbenefika minnhom.</p> | |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|------|--|---|--|-----------------|
| 891. | Suleyman Abusaidovich KERIMOV (bir-Russu: Сулейман Абусаидович КЕРИМОВ) | Data tat-twelid: 12.3.1966 Post tat-twelid: Derbent, Dagestan, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: Membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa kif ukoll tal-Kumitat dwar ir-Regoli ta' Proċedura u l-Governanza Parlamentari; Eks sid tal-grupp finanzjarju u industrijali Nafta Moscow Nazjonalità: Russa Sess: raġel | Suleyman Kerimov huwa negozjant Russu ewlieni u membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa kif ukoll tal-Kumitat dwar ir-Regoli ta' Proċedura u l-Governanza Parlamentari. Huwa l-eks sid tal-grupp finanzjarju u industrijali Nafta Moscow. L-istima tal-valur nett ta' Kerimov u tal-familja tiegħu hija ta' USD 16,4 biljun. Irċieva ammonti kbar ta' flus mingħand Sergei Roldugin, li huwa l-gwardjan tal-ġid tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Fl-24 ta' Frar 2022 Kerimov attenda laqgħa tan-negozjanti ewlenin mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin fil-Kremlin biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' negozjanti ewlenin qrib il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li qed idgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 15.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|------|---|--|---|------------------|
| | | | Għalhekk huwa negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. | |
| 909. | Igor Albertovich KESAEV (Игорь Альбертович КЕСАЕВ) | Data tat-twelid: 30.10.1966 Post tat-twelid: Vladikavkaz, North Ossetia, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: koproprietarju ta' Mercury Group Nazzjonalità: Russa, Ċiprijotta Sess: raġel | Igor Kesaev huwa koproprietarju ta' Mercury Group, li kien assoċjat ma' Megapolis Group, id-distributur ewlieni tat-tabakk fir-Russja. Skont Forbes, għandu valur nett ta' USD 4,6 biljun. Huwa azzjonist ewlieni f'Mercury Group u Megapolis Group. Igor Kesaev huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 8.4.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elencar |
|------|--|---|---|------------------|
| 921. | Igor Arkadyevich ROTENBERG (Игорь Аркадьевич РОТЕНБЕРГ) | Data tat-twelid: 9.5.1973 Post tat-twelid: Leningrad, USSR (illum St. Petersburg, Russian Federation) Individwi assoċjati: Arkady Rotenberg (missier), Boris Rotenberg (ziju) Entitajiet assoċjati: SGM (Stroygazmontazh) group Nazzjonalità: Russa Sess: raġel | Igor Rotenberg huwa negozjant ewlieni Russu, u l-ewwel iben ta' Arkady Rotenberg, negozjant prominenti Russu u eks koproprietarju ta' SGM (Stroygazmontazh) group. Huwa l-eks sid ta' Gazprom Drilling u eks azzjonist fi Platon Electronic Toll Collection system. Ir-Rotenbergs huma assoċjati mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin. Minħabba l-pożizzjonijiet tiegħu fil-passat u fil-preżent f'intrapriżi Russi ewlenin li rċevew kuntratti tal-istat kbar, kif ukoll ir-rabtiet tiegħu mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, Igor Rotenberg għadu jibbenefika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja u mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, it-tnejn responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa persuna fiżika assoċjata ma' Arkady Rotenberg u mal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, it-tnejn li huma elenkati taħt miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 8.4.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|--|------|------------------------------------|---|------------------|
| 1465. | Mikhail Mikhailovich MATVEEVSKY (Михаил Михайлович МАТВЕЕВСКИЙ) | <p>Funzjoni: eks mexxej militari Russu – Logutenent Ġeneral; Eks Kap tal-Missile Troops and Artillery of the Ground Forces of the Russian Federation (sa Ottubru 2023)</p> <p>Data tat-twelid: 1.1.1963</p> <p>Post tat-twelid: Kobylsk village, Kichmengo-Gorodets district, Vologda region, USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa</p> | <p>Mikhail Matveevsky huwa mexxej militari Russu, u eks Kap tal-Missile Troops and Artillery of the Ground Forces tal-Federazzjoni Russa. Fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, l-armata Russa użat ta' spiss missili kontra miri militari u ċivili. Bħala Kap tal-Missile Troops and Artillery of the Ground Forces tal-Federazzjoni Russa, kien responsabbli għall-ibbumbardjar tal-Ukrajna. Għalhekk Mikhail Matveevsky huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza fl-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.</p> | 25.2.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|-------|---|--|--|------------------|
| 1477. | Anton Olegovich ELIZAROV magħruf ukoll bħala YELIZAROV (Антон Олегович ЕЛИЗАРОВ) | Data tat-twelid: 1981 Post tat-twelid: Rostov Oblast, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Eks kmandant militari tal-Wagner Grupp | Anton Elizarov, isem sigriet "Lotus", kien il-kmandant militari tal-unità ta' Wagner responsabbli għall-qbid tal-belt Ukrena ta' Soledar f'Jannar 2023. F'din il-pożizzjoni, kien responsabbli għall-koordinazzjoni u l-ippjanar tal-operazzjonijiet u għall-iskjerament tal-merċenarji. Huwa pparteċipa b'mod attiv fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.2.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|-------|---|---|--|------------------|
| 1506. | Alexander Petrovich KOLMAKOV (Александр Петрович КОЛМАКОВ) | Data tat-twelid: 31.7.1955 Post tat-twelid: Korolyov, Moscow Oblast, USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-"working group special military operation" stabbilit b'digriet mill-President Putin; Eks president tal-organizzazzjoni statali pubblika pan-Russa "Voluntary Society for Assistance to the Army, Aviation and Navy of Russia"; Kurunell Ġeneral irtirat | Alexander Kolmakov huwa membru tal-grupp ta' ħidma, stabbilit mill-President Putin f'Diċembru 2022, inkarigat bil-koordinazzjoni tal-isforzi ta' mobilizzazzjoni tal-Federazzjoni Russa biex jappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Minbarra r-rwol tiegħu fil-grupp ta' ħidma, huwa serva matul u wara l-invażjoni fuq skala kbira tal-Ukrajna bħala l-president tal-organizzazzjoni statali pubblika pan-Russa Voluntary Society for Assistance to the Army, Aviation and Navy of Russia li tagħxi bħala ħolqa bejn il-militar u s-soċjetà Russi billi tiffaċilita r-reklutaġġ ta' żgħażagħ fir-riżervi militari. Għalhekk, Alexander Kolmakov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 23.6.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|--|---|--|-----------------|
| 1509. | Igor Yurievich ЧАЙКА magħruf ukoll bħala Yurievich CHAYKA (Игорь Юрьевич ЧАЙКА) | Data tat-twelid: 13.12.1988 Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Funzjoni: Negozjant Russu Individwi assoċjati: Yury Chaika (missier), Artem Chaika (ħuh) Informazzjoni oħra għall- identifikazzjoni: Unuri: Ċertifikat tal-Mertu tal- President tal-Federazzjoni Russa | Igor Chaika huwa l-iben iż-żgħir ta' Yuri Chaika, l-eks Prosekutur Ġenerali u r-Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal- Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tal-Kawkasu tat-Tramuntana. Igor Chaika bena imperu kummerċjali enormi li jiddependi fuq kuntratti statali u bis-saħħa tal-pożizzjoni ta' missieru. Huwa jwettaq ukoll attivitajiet kummerċjali fil-Krimea okkupata. Mill-2022, Igor Chaika huwa l-President tal-Kunsill Pubbliku taħt Rossotrudnichestvo, korp eżekuttiv federali Russu responsabbli għall- għoti ta' servizzi statali u l-ġestjoni tal-proprietà tal-istat biex jappoġġa u jiżviluppa relazzjonijiet internazzjonali bejn il-Federazzjoni Russa u l- Istati Membri tal-Komunità ta' Stati Indipendenti u pajjiżi barranin oħra. F'Marzu 2025, Chaika nħatar Viċi Kap ta' Rossotrudnichestvo. Għalhekk, Igor Chaika qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill- Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal- Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Yury Chaika u Rossotrudnichestvo. | 23.6.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|---|---|--|-----------------|
| 1510. | <p>Artem Yurievich ЧАЙКА</p> <p>magħruf ukoll bħala Artyom Chaika</p> <p>magħruf ukoll bħala Artem ЧАУКА</p> <p>(Арте́м Ю́рьевич ЧАЙКА)</p> <p>magħruf ukoll bħala Арте́м Ю́рьевич ЧАЙКА)</p> | <p>Data tat-twelid: 25.9.1975</p> <p>Post tat-twelid: USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa, Żvizzera</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Funzjoni: Avukat u negozjant Russu</p> <p>Individwi assoċjati: Yury Chaika (missier), eks Prosekutur Ġenerali tar- Russian Federation (deżinjat fil-21.7.2022), Igor Chaika (ħuh)</p> | <p>Artem Chaika huwa l-iben il-kbir ta' Yury Chaika, l-eks Prosekutur Ġenerali u r-Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tal-Kawkasu tat-Tramuntana. Huwa bena n-negozji tiegħu prinċipalment fuq il-kuntratti statali matul iż-żmien meta missieru kien il-Prosekutur Ġenerali. Il-kumpaniji ta' Artem Chaika ripetutament rebħu offerti ta' akkwist pubbliku minħabba t-tneħħija ta' kompetituri mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi. Artem Chaika huwa sid il-kumpanija PNK-Ural, l-akbar fornitur ta' ġebel imfarrak għal Russian Railways.</p> <p>Ramzan Kadyrov, il-kap tar-Repubblika Ċeċena u l-alleat mill-qrib tal-President Putin, ħatar lil Artem Chaika bħala l-konsulent tiegħu għal kwistjonijiet umanitarji, soċjali u ekonomiċi f'Ottubru 2022.</p> <p>Għalhekk, Artem Chaika qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Ramzan Kadyrov.</p> | 23.6.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|--|--|---|-----------------|
| 1518. | <p>Tatiana Georgievna BRATCHENKO</p> <p>magħrufa wkoll bħala Tetiana Georgiivna BRATCHENKO</p> <p>(bir-Russu: Татьяна Георгиевна БРАТЧЕНКО)</p> <p>(bl-Ukren: Тетяна Георгіївна БРАТЧЕНКО)</p> | <p>Funzjoni: Kap tal-Memorial Historical and Cultural Center imsemmi għan-negozjant u l-filantropu ta' Yekaterinodar Liu Nakhlukhovich, Trakhov, Krasnodar, Russia</p> <p>Data tat-twelid: 17.11.1949</p> <p>Nazzjonalità: Ukrena</p> <p>Sess: mara</p> <p>Numru tal-passaport, numru tal-identità nazzjonali, numri oħra tad-dokumenti tal-identità:</p> <p>Numru tal-passaport Ukren: 058980</p> | <p>Tatiana Bratchenko kienet id-direttur tal-Mużew Reġjonali ta' Kherson (Kherson Regional Museum). F'dan ir-rwol, hija volontarjament u deliberatament għenet lill-forzi tas-sigurtà Russi biex ibattlu l-mużew mill-artefatti tiegħu. Hija appoġġat pubblikament il-kontroll tar-Russja fuq ir-reġjun ta' Kherson u appoġġat l-annessjoni illegali tat-territorju.</p> <p>Issa hija l-Kap tal-Memorial Historical and Cultural Center fi Krasnodar.</p> <p>Tatiana Bratchenko hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> | 23.6.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elencar |
|-------|---|--|---|------------------|
| 1524. | Yevgeny Valeryevich NIKIFOROV (Евгений Валерьевич НИКИФОРОВ) | Funzjoni: Kap tal-Istat Maġġur tal-Forzi tal-Art tal-Federazzjoni Russa; Eks Kmandant tad-Distrett Militari tal-Punent; Kurunell Ġeneral Data tat-twelid: 1.1.1970 Post tat-twelid: Aksha, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel | Il-Kurunell Ġeneral Yevgeny Nikiforov, eks Kmandant tad-Distrett Militari tal-Punent tal-Federazzjoni Russa, bħalissa qed iservi bħala Kap tal-Istat Maġġur tal-Forzi tal-Art tal-Federazzjoni Russa. Taħt il-kmand tiegħu, il-Forzi Armati Russi qed ikompli bl-attakki tagħhom kontra l-Ukrajna, fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Filwaqt li assume u qed jaġixxi f'dawk il-kapaċitajiet, il-Kurunell Ġeneral Yevgeny Nikiforov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 23.6.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|--|--|---|-----------------|
| 1530. | Viktoria Alexandrovna SERDYUKOVA (Виктория Александровна СЕРДЮКОВА) | Funzjoni: Kienet l-hekk imsejħa "Commissioner for Human Rights in the Luhansk People's Republic" Data tat-twelid: 9.6.1981 jew 1982 Post tat-twelid: Severodonetsk, USSR (issa Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: mara | Viktoria Serdyukova kienet l-hekk imsejħa "Commissioner for Human Rights in the Luhansk People's Republic". F'dan ir-rwol, hija appoġġat il-gwerra ta' aggressjoni li r-Russja nediet kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022. Hija appoġġat l-annessjoni illegali tat-territorju ta' Luhansk u l-adozzjoni tal-leġislazzjoni Russa f'dak it-territorju u f'territorji oħra annessi illegalment. Billi ħadet u aġixxiet f'din il-kapaċità, Viktoria Serdyukova hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 23.6.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-------|--|---|---|------------------|
| 1544. | <p>Irina Aleksandrovna CHERKASOVA</p> <p>(bir-Russu: Ирина Александровна ЧЕРКАСОВА)</p> <p>(bl-Ukren: Ирина Олександрівна ЧЕРКАСОВА)</p> | <p>Funzjoni: Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Rostov</p> <p>Data tat-twelid: 30.5.1963</p> <p>Post tat-twelid: Bataysk, Rostov region, USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: mara</p> | <p>Irina Cherkasova hija l-Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Rostov. F'dan ir-rwol, hija waħda mill-aktar persuni involuti fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Irina Cherkasova jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Irina Cherkasova hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> | 23.6.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|-------|--|---|---|------------------|
| 1546. | <p>Muslim Magomedovich KHUCHIEV</p> <p>(bir-Russu: Муслим Магомедович ХУЧИЕВ)</p> <p>(bl-Ukren: Муслім Магомедович ХУЧІЄВ)</p> | <p>Funzjoni: Assistent tal-Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa, eks President tal-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċeċenja; eks President tar-Republika taċ-Ċeċenja</p> <p>Data tat-twelid: 5.8.1971</p> <p>Post tat-twelid: Zakan-yurt, Achkhoy-Martanovsky district, USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Individwi assoċjati: Ramzan Kadyrov</p> | <p>Muslim Khuchiev huwa Assistent tal-Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa u l-eks President tal-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċeċenja. F'dan ir-wol, Muslim Khuchiev kien involut mill-qrib ma' Ramzan Kadyrov fil-pjanijiet ta' produzzjoni militari taċ-Ċeċenja għall-użu mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.</p> <p>Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tal-Ukrajna, ir-Russja ttrasferiet ħafna ċittadini Ukreni lejn ir-Repubblika taċ-Ċeċenja. Muslim Khuchiev kien wieħed mill-persuni ewlenin involuti fid-deportazzjoni bil-forza ta' tfal Ukreni bil-forza lejn ir-Russja u l-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet tiegħu jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna.</p> <p>Muslim Khuchiev huwa wkoll membru tal-Presidju tal-Kunsill Politiku Reġjonali tal-Ferġha Reġjonali taċ-Ċeċenja tal-Partit United Russia. United Russia jappoġġa l-politika ta' aggressjoni ta' Vladimir Putin kontra l-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Muslim Khuchieva huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> | 23.6.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-------|--|---|---|------------------|
| 1547. | Vladimir Vladimirovich VLADIMIROV (bir-Russu: Владимир Владимирович ВЛАДИМИРОВ) (bl-Ukren: Володимир Володимирович ВЛАДИМИРОВ) | Funzjoni: Gvernatur ta' Stavropol Krai (Reġjun) Data tat-twelid: 14.10.1975 Post tat-twelid: Georgievsk, Stavropol Region, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel | Vladimir Vladimirov huwa l-Gvernatur ta' Stavropol Krai. F'dan ir-rwol, huwa kien responsabbli għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-reġjun ta' Stravapol Krai għall-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet tiegħu jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Muslim Khuchiev huwa wkoll membru tal-Kunsill Ġenerali u Segretarja tal-Fergħa Reġjonali taċ-Ċeċenja tal-Partit United Russia. United Russia jappoġġa l-politika ta' aggressjoni ta' Vladimir Putin kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Vladimir Vladimirov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 23.6.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-------|---|--|--|------------------|
| 1548. | <p>Vladimir Mikhailovich MOROZOV</p> <p>magħruf ukoll bħala Uladzimir Mikhailavich MAROZAU</p> <p>(bir-Russu: Владимир Михайлович МОРОЗОВ)</p> <p>(bil-Belarussu: Уладзімір Міхайлавіч МАРОЗАЎ)</p> | <p>Funzjoni: eks Kap ta' Belarusian Railways</p> <p>Data tat-twelid: 2.6.1965</p> <p>Post tat-twelid: Buda-Koshelevo, Gome region, USSR (issa Belarus)</p> <p>Nazzjonalità: Belarussa</p> <p>Sess: raġel</p> | <p>Vladimir Morozov huwa l-eks Kap ta' Belarusian Railways, li joperaw servizz ferrovjarju bejn ir-Russja u l-Belarussja. F'dan ir-rwol, huwa appoġġa l-istazzjonament u t-trasport ta' persunal militari Russu u tagħmir involut fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Vladimir Morozov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> | 23.6.2023 |


| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|--|---|--|-----------------|
| 1551. | Veniamin Ivanovich KONDRATYOV magħruf ukoll bħala Veniamin Ivanovich KONDRATYEV (Вениамин Иванович КОНДРАТЬЕВ) | Funzjoni: Gvernatur tar-Reġjun ta' Krasnodar tal-Federazzjoni Russa Data tat-twelid: 1.9.1970 Post tat-twelid: Prokopyevsk, USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Informazzjoni oħra: Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 233005199735 | Veniamin Kondratyov huwa l-gvernatur tar-reġjun ta' Krasnodar tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rwol, Veniamin Kondratyev qed jikkontribwixxi għad-deportazzjoni, il-ħtif u l-adozzjoni illegali ta' tfal Ukreni. Huwa wieħed mill-mexxejja (reġjonali) għoljin Russi involuti fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni bil-forza lejn ir-Russja u l-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom f'familji Russi. L-azzjonijiet ta' Veniamin Kondratyev jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Veniamin Kondratyev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 23.6.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|---|---|--|-----------------|
| 1553. | Sergey Konstantinovich NOSOV (Сергей Константинович НОСОВ) | Funzjoni: Gvernatur tar-reġjun ta' Magadan tal-Federazzjoni Russa Nazjonalità: Russa Data tat-twelid: 17.2.1961 Post tat-twelid: Magnitogorsk, Chelyabinsk region, USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel Informazzjoni oħra: Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 662300439460 | Sergey Nosov huwa l-gvernatur tar-reġjun ta' Magadan tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rwol, Sergey Nosov qed jikkontribwixxi għad-deportazzjoni u l-ħtif illegali ta' tfal Ukreni. Huwa qed jiffaċilita d-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn kampijiet li jinsabu fir-reġjun tiegħu, inkluż kampijiet immexxija minn Artek, organizzazzjoni nazzjonalista Russa li ssuspendiet ir-ritorn ta' tfal Ukreni lejn familthom. Sergey Nosov huwa wieħed mill-mexxejja (reġjonali) għoljin Russi involuti fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja. L-azzjonijiet ta' Sergey Nosov jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Sergey Nosov huwa wkoll membru tal-Kunsill Suprem u Segretarju tal-Ferġha Reġjonali ta' Magadan tal-Partit United Russia. United Russia jappoġġa l-politika ta' aggressjoni ta' Vladimir Putin kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Sergey Nosov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 23.6.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|--|---|--|-----------------|
| 1598. | <p>Sergey Alekseevich GAVRILCHUK</p> <p>magħrufa wkoll bħala Sergiy Oleksiyovich GAVRYLCHYK</p> <p>magħrufa wkoll bħala Serhii HAVRYLCHUK</p> <p>(Сергей Алексеевич ГАВРИЛЬЧУК)</p> <p>(Сергій Олексійович ГАВРИЛЬЧУК)</p> | <p>Funzjoni: Kap tal-kwartieri ġenerali reġjonali ta' Yunarmiya tar-Repubblika tal-Krimea; Viçi tal-kunsill tar-raġal ta' Gvardeyskaya tad-distrett ta' Simferopol tar-"Repubblika tal-Krimea", li jirrappreżenta l-Partit United Russia</p> <p>Direttur tal-Crimea Patriot Centre</p> <p>Data tat-twelid: 30.5.1977</p> <p>Nazzjonalità: Ukrena</p> <p>Sess: raġel</p> | <p>Sergey Gavrilchuk huwa l-Kap tal-Kwartieri Ġenerali Reġjonali ta' Yunarmiya tar-"Republic of Crimea" u membru tal-Partit United Russia. L-All-Russia "Young Army" Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya) hija organizzazzjoni paramilitari Russa. Fil-kapaċità tiegħu bħala l-Kap reġjonali ta' Yunarmiya, huwa jorganizza attivitajiet li jipromwovu t-taħriġ militari u t-tnejjija taż-żgħażaġh għas-servizz militari fl-Armata Russa.</p> <p>Ilu mill-14 ta' Mejju 2024 id-Direttur tal-Crimea Patriot Centre, li jipprovdi taħriġ militari għat-tfal fil-Krimea u Sevastopol annessi illegalment.</p> <p>Għalhekk, Sergey Gavrilchuk qed jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Yunarmiya.</p> | 18.12.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-------|--|--|---|------------------|
| 1611. | Dmitry Aleksandrovich POLKOVNIKOV (Дмитрий Александрович ПОЛКОВНИКОВ) | Funzjoni: Eks Direttur tal-Crimea Patriot Centre Data tat-twelid: 3.6.1970 Post tat-twelid: Kostroma, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel | Dmitry Polkovnikov kien id-Direttur tal-Crimea Patriot Centre (magħruf ukoll bħala "Krympatriotcentr"). Iċ-Ċentru jipprovdi taħriġ militari għat-tfal fil-Krimea u Sevastopol annessi illegalment. Huwa kien involut fl-organizzazzjoni ta' kampijiet militari u patrijottiċi Russi għat-tfal mill-Peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Għadu attiv fl-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 18.12.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|--|---|---|-----------------|
| 1629. | Rustem Nurgasimovich SULTEEV (Рустем Нургасимович СУЛЬТЕЕВ) | Funzjoni: L-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali tat-“TAIF” Management Company for production and commercial activities; President tal-Bord tad-Diretturi ta' TAIF JSC; L-Ewwel Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija tat-TAIF JSC for production and commercial activities; azzjonist ta' SIBUR; koproprietarju ta' Vulkan LLC Data tat-twelid: 4.1.1954 | Rustem Sulteev huwa l-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali tat-TAIF Management Company for production and commercial activities; President tal-Bord tad-Diretturi ta' TAIF JSC; L-Ewwel Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija tat-TAIF JSC for production and commercial activities. TAIF JSC hija l-kumpanija prinċipali tal-grupp ta' kumpaniji TAIF, li jinkludi kumpaniji li joperaw f'diversi oqsma tal-ekonomija inkluż l-ipproċessar taż-żejt u l-gass, il-materja prima petrokimika, il-bejgħ bl-immnut ta' prodotti petroliferi, it-telekomunikazzjoni, il-konstruzzjoni u s-servizzi ta' investiment, finanzjarji u dawk kummerċjali. Fost dawk il-kumpaniji hemm TAIF-NK PSC, li tipprovdi fjuwil tal-avjazzjoni għall-Forzi Armati Russi. Rustem Sulteev huwa wkoll azzjonist ta' PJSC SIBUR Holding, kumpanija Russa tal-prodotti petrokimiċi, u ta' Avers Bank. Huwa wkoll koproprietarju ta' Vulkan LLC, kumpanija li ntużat għat-trasferiment tal-assi bejn TAIF JSC u SIBUR Holding. Għalhekk, Rustem Sulteev huwa negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. | 18.12.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|--|------|---|---|------------------|
| | | Post tat-twelid: Kazan, Tatar ASSR (issa Republic of Tatarstan), USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 166002653021 Sess: raġel |  | |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|---------------|--|--|-----------------|
| 1637. | Gabriel TEMIN | <p>Funzjoni: CEO tal-kumpaniji tal-loġistika Siberica Oy u Luminor Oy</p> <p>Data tat-twelid: 9.2.1980</p> <p>Post tat-twelid: USSR (issa Estonia)</p> <p>Nazzjonalità: Franċiża</p> <p>Numru tal-passaport: 22EKO1347 (Franza)</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Indirizz: Rysäkuja 1b F 32, 00980 Helsinki</p> | <p>Gabriel Temin huwa s-CEO taż-żewġ kumpaniji tal-loġistika, Siberica Oy u Luminor Oy, it-tnejn stabbiliti fil-Finlandja. Dawk iż-żewġ kumpaniji huma involuti fl-esportazzjoni lejn ir-Russja ta' oġġetti li għalihom japplikaw miżuri restrittivi tal-Unjoni, b'mod partikolari komponenti tad-droni. Gabriel Temin ġie kkundannat mill-Qorti ta' Uusimaa tal-Lvant għall-esportazzjoni illegali ta' tagħmir militari lejn ir-Russja. Għalhekk, Gabriel Temin qed jiffaċilita l-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkonvenzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.</p> | 18.12.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-------|---|---|---|------------------|
| 1642. | Sergey Dmitrievich BURAKOV (Сергей Дмитриевич БУРАКОВ) | Funzjoni: Logutenent Ġeneral, Kmandant tad-Distrett tal-Majjistral tal-Gwardja Nazzjonali Russa Data tat-twelid: 31.8.1970 Nazjonalità: Russa Dokument tal-identità: Serje 4503 Nru 498240, maħruġ 19.6.2001 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 773391156299 Sess: raġel Indirizz: Russian Federation, Bryansk Oblast, Bryansk, Sovetskiy District, Kostycheva Street, 45, apt. 99 | Il-Logutenent Ġeneral Sergey Burakov huwa l-Kmandant tad-Distrett tal-Majjistral tal-Gwardja Nazzjonali Russa. Ħa sehem ukoll fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż il-qbid tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl. Għalhekk, il-Logutenent Ġeneral Sergey Burakov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 18.12.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|--|--|--|-----------------|
| 1651. | Robert Rishatovich GALIMOV (Роберт Ришатович ГАЛИМОВ) | Funzjoni: Eks Direttur Ġenerali ta' JSC Serov Mechanical Plant; Direttur Ġenerali Attwali ta' JSC 'BPO Progress' Data tat-twelid: 10.3.1975 Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 27410781642 | Robert Galimov ilu mill-31 ta' Marzu 2025 id-Direttur Ġenerali ta' JSC 'BPO Progress'. Qabel, Robert Galimov kien id-Direttur Ġenerali ta' JSC Serov Mechanical Plant li tipproduċi tagħmir għall-produzzjoni taż-żejt u tal-gass, l-esplorazzjoni ġeoloġika u l-estrazzjoni. JSC Serov Mechanical Plant huwa importanti ħafna minħabba li huwa wieħed mill-fornituri ewlenin ta' tagħmir għat-tħaffir u l-produzzjoni taż-żejt lil kumpaniji taż-żejt ewlenin tar-Russja bħal Lukoil, Gazpromneft u Rosneft. Minbarra r-rwol importanti tagħha fl-industrija tal-fjuwils fossili Russa, JSC Serov Mechanical Plant tipproduċi prodotti speċjali taħt l-ordnijiet tad-difiża tal-Istat Russu. L-impjant jipproduċi kisi tal-projettili ta' kalibru ta' 152 mm għall-artillerija awtopropulsiva Koalitsiya-SV użata mir-Russja fil-gwerra kontra l-Ukrajna. Robert Galimov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 23.2.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|-------|---|---|--|------------------|
| 1656. | Aleksandr Borisovich LIVSHITS (Александр Борисович ЛИВШИЦ) | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' Federal State Enterprise 'Kazan State-Owned Gunpowder Plant'; Deputat tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tat-Tatarstan kif ukoll membru tal-Presidju tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tat-Tatarstan (mill-2024) Data tat-twelid: 21.5.1970 Nazjonalità: Russa Sess: raġel | Aleksandr Livshits huwa Deputat tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tat-Tatarstan kif ukoll membru tal-Presidju tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tat-Tatarstan; id-Direttur Ġenerali ta' Federal State Enterprise Kazan State Gunpowder Plant (FKP KGKPZ), li tipproduċi varjetà ta' trabijiet u kargi tal-pirossilina għal kważi t-tipi kollha ta' armi. FKP KGKPZ timmanifattura skrataċ tal-kalibru ta' 5.45-14.5 mm għal azzarini (azzarini tal-assalt Kalashnikov), kargi tal-lanċaturi tal-granati, kargi tal-propellanti għal kanuni navali (AK-100, AK-130 u AK-726) u artillerija tal-art ta' kalibru ta' 76 mm sa 152 mm (kanuni tat-tip mortar 2S9 u 2S12, howitzers D-20, D-30, ML-20, 2S1, 2S3 u 2S19). L-impjant jipproduċi munizzjon tat-tank ta' kalibru ta' 115 mm, 122 mm u, l-aktar importanti, 125 mm, li jintuża fit-tankijiet T-64, T-72, T-80 u T-90 tal-Forzi Armati Russi. FKP KGKPZ tforni munizzjon lill-Forzi Armati Russi u lis-sistemi tal-armi tagħhom użati fil-gwerra fl-Ukrajna. Għalhekk, Aleksandr Livshits qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 23.2.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-------|--|---|--|------------------|
| 1660. | Elena Sergeevna IVANOVA (Елена Сергеевна ИВАНОВА) | Funzjoni: Direttur Ġenerali, JSC 'Central Research Institute of Materials Named After D.I. Mendeleev' Nazjonalità: Russa Sess: mara Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 781706429812 | Elena Ivanova hija d-Direttur Ġenerali fil-kumpanija tal-kumpless militari-industrijali Russu JSC Central Research Institute of Materials Named After D.I. Mendeleev li tissorvelja r-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji militari u hija s-sid ta' diversi faċilitajiet ta' produzzjoni li jaqdu rwol importanti fl-użu ta' tali teknoloġiji, b'mod partikolari f'operazzjonijiet ta' ġlied fit-territorju tal-Ukrajna. Elena Ivanova personalment ħadmet fuq proġetti u mexxiet proġetti li tejbu tagħmir militari varju inklużi: inġenju tal-ajru tal-ġlied SU-57, tank T-14, armament ta' karru armat ewlieni 2A46M u artillerija awtopropulsiva 2S35. Għalhekk, Elena Ivanova qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, fir-rwol tagħha hija qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 23.2.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|--|---|--|-----------------|
| 1664. | Artem Vladimirovich ZHOGA magħruf ukoll bħala Artyom Vladimirovich ZHOGA (Артём Владимирович ЖОГА) | Funzjoni: President tal-hekk imsejjaħ "People's Council of the Donetsk People's Republic"; Rappreżentant Plenipotenzjarju Presidenzjali għall-Urals Federal District; Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa; Kmandant preċedenti tal-Battaljun ta' Sparta Data tat-twelid: 18.1.1975 Post tat-twelid: Shirokiy, USSR (illum Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel | Artem Zhoga ilu l-President tal-hekk imsejjaħ "People's Council of the Donetsk People's Republic" mill-20 ta' Settembru 2023 u r-Rappreżentant Plenipotenzjarju Presidenzjali għall-Urals Federal District mit-2 ta' Ottubru 2024. Ilu mill-25 ta' Ottubru 2024 membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Minn Mejju 2022 sa Diċembru 2023, huwa kien il-Kmandant tal-Battaljun ta' Sparta, grupp separatista armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna u jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Billi assumu u aġixxa f'dawk il-kapaċitajiet, huwa qed jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 23.2.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|---|---|---|-----------------|
| 1671. | <p>Artysh Mikhailovich SAT</p> <p>(bir-Russu: Артыш Михайлович САТ; bl-Ukren: Артиш Михайлович САТ)</p> | <p>Funzjoni: Kien l-hekk imsejjaħ "Aġent Ministru għas-Saħħa" tar-Reġjun ta' Kherson</p> <p>Data tat-twelid: 9.2.1983</p> <p>Post tat-twelid: Tuvan Autonomous SSR, USSR (illum Republic of Tuva, Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> | <p>Artysh Sat kien l-hekk imsejjaħ "Aġent Ministru għas-Saħħa" tar-Reġjun ta' Kherson. Huwa kellu dan ir-rwol, mingħajr il-kunsens tal-awtoritajiet Ukreni, fit-territorji okkupati illegalment tar-Reġjun ta' Kherson u implimenta l-politiki uffiċjali tal-Federazzjoni Russa fir-reġjun.</p> <p>Għadu attiv fl-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> | 23.2.2024 |
| 1672. | <p>Alexey Sergeevich GALCHENKOV</p> <p>(bir-Russu: Алексей Сергеевич ГАЛЧЕНКОВ; bl-Ukren: Олексій Сергійович ГАЛЧЕНКОВ)</p> | <p>Funzjoni: Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Edukazzjoni" tar-Reġjun ta' Kherson</p> <p>Data tat-twelid: 18.4.1987</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> | <p>Alexey Galchenkov kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Edukazzjoni" tar-Reġjun ta' Kherson. Huwa assuma dan ir-rwol mingħajr il-kunsens tal-awtoritajiet Ukreni, fit-territorji okkupati illegalment tar-Reġjun ta' Kherson u implimenta l-politiki uffiċjali tal-Federazzjoni Russa fir-reġjun.</p> <p>Għadu attiv fl-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> | 23.2.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|-------|--|---|---|------------------|
| 1675. | Igor Vladimirovich ASTRANIN (bir-Russu: Игорь Владимирович АСТРАНИН; bl-Ukren: Ігор Володимирович АСТРАНИН) | Funzjoni: Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Politika dwar iż-Żgħażaġħ" tar-Reġjun ta' Kherson Data tat-twelid: 15.6.1991 Post tat-twelid: Astrakhan, USSR (illum Russian Federation) Nazżjonalità: Russa Sess: raġel | Igor Astranin kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Politika dwar iż-Żgħażaġħ" tar-Reġjun ta' Kherson. Huwa assuma dan ir-rwol mingħajr il-kunsens tal-awtoritajiet Ukreni, fit-territorji okkupati illegalment tar-Reġjun ta' Kherson u implimenta l-politiki uffiċjali tal-Federazzjoni Russa fir-reġjun. Għadu attiv fl-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 23.2.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-------|---|--|---|------------------|
| 1728. | <p>Valeriy Petrovich SHATILO</p> <p>magħruf ukoll bħala Valery Petrovich SHATILO</p> <p>(bir-Russu: Валерий Петрович ШАТИЛО; bl-Ukren: Валерій Петрович ШАТИЛО)</p> | <p>Funzjoni: Eks Direttur ta' OJSC 2566 Plant for the Repair of Radio-Electronic Weapons (UNP 600012284) (sa Frar 2025)</p> <p>Data tat-twelid: 21.3.1959</p> <p>Post tat-twelid: Minsk, Belarus</p> <p>Nazzjonalità: Belarussa</p> <p>Sess: raġel</p> | <p>Valeriy Shatilo kellu l-kariga ta' Direttur ta' OJSC 2566 Plant for the Repair of Radio-Electronic Weapons sa Frar 2025. L-intrapriża tispeċjalizza fit-tiswija u l-modernizzazzjoni tal-armi u t-tagħmir tad-difiża tal-ajru, kif ukoll tagħmir radjoelettroniku kumpless ieħor u prodotti militari. OJSC 2566 Radioelectronic Armament Repair Plant qed tipprovdi servizzi ta' manutenzjoni u tiswijiet lill-Forzi Armati Russi.</p> <p>Valeriy Shatilo qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p> | 23.2.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-------|--|--|--|------------------|
| 1731. | <p>Oleg Borisovich SEMENOVYKH (Олег Борисович СЕМЕНОВЫХ)</p> | <p>Funzjoni: Eks Direttur Ġenerali ta' LLC Favorit Research and Production Company (LLC NPK Favorit); Bħalissa il-Maniġer Ġenerali ta' LLC 'SKB TSM' u LLC NPO 'Favorit'</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772379165175</p> | <p>Oleg Semenovykh huwa l-Maniġer Ġenerali ta' LLC 'SKB TSM' u LLC NPO 'Favorit'. Oleg Semenovykh kien id-Direttur Ġenerali ta' LLC Favorit Research and Production Company (LLC NPK Favorit) sal-11 ta' Marzu 2025. LLC NPK Favorit toħloq sistemi awtomatizzati ta' informazzjoni u kontroll għall-monitoraġġ tas-sitwazzjoni tal-wieċ u tal-art ta' oġġetti distribwiti ġeografikament, li joperaw abbażi ta' software speċjali. LLC NPK Favorit tipproduċi sistemi ta' għarfien dwar is-sitwazzjoni, kumplessi mobbli, kumplessi awtomatizzati stazzjonarji, tagħmir optoelettroniku, stazzjonijiet tar-radar, tagħmir tad-dawl, sistema ta' navigazzjoni multifunzjonali (Azimuth-F) kif ukoll kumpless ta' manutenzjoni mobbli (Arsenal) u software speċjali mfassal biex jawtomatizza l-attivitajiet tal-korpi ta' kontroll. Barra minn hekk, xi prodotti ta' LLC NPK Favorit (Ratnik, Helios u Helios-B) jintużaw mill-awtoritajiet Russi fil-qasam militari kif ukoll għall-pattulja tal-fruntiera. LLC NPO 'Favorit' għandha ħafna similaritajiet ma' LLC NPK 'Favorit', bħall-istess kliġenti ewlenin u l-istess attivitajiet ewlenin, kif ukoll attivitajiet oħra.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu ta' Direttur Ġenerali ta' LLC NPK Favorit, Oleg Semenovykh kien qed jappoġġa materjalment lil, u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p> | 23.2.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-------|--|---|--|------------------|
| 1732. | Georgiy Vladimirovich ANTSEV (Георгий Владимирович АНЦЕВ) | Funzjoni: Direttur Ġenerali / Disinjatur Ġenerali ta' JSC NPP Radar MMS; President tal-fergħa ta' San Pietruburgu ta' SoyuzMash tar-Russja mit-28 ta' Frar 2024. Data tat-twelid: 29.1.1961 Post tat-twelid: Russian Federation, Gorky. Leningrad (illum St. Petersburg, Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 780105167705 | Georgiy Antsev huwa l-President tal-fergħa ta' San Pietruburgu ta' SoyuzMash tar-Russja, kif ukoll id-Direttur Ġenerali u d-Disinjatur Ġenerali ta' Joint Stock Company Research and Production Enterprise Radar MMS (JSC NPP Radar MMS). JSC NPP Radar MMS hija intrapriża tal-industrija tad-difiża Russa li tiddisinja u tipproduċi sistemi ta' gwida għal armi ta' preċiżjoni għolja, avjonika militari u ċivili, sistemi ta' monitoraġġ u ta' navigazzjoni. JSC NPP Radar MMS tiddisinja l-apparat ta' direzzjoni radar attiv ARGS-14E, ARGS-35E u ARGS-54E għal gwida preċiża ta' missili kruċieri lejn bersall tal-wiċċ fis-sezzjoni finali tat-trajettorja tat-titjira. Il-missila 3M-14E jew missili oħra tal-familja Kalibr jinkludu l-apparat ta' direzzjoni ARGS-14E jew dak l-aktar avvanzat ARGS-54E. Il-Kh-35/35U Uran/3M-24, jinkludu l-apparat ta' direzzjoni ARGS-35E jew il-varjant modernizzat Gran-KE. L-apparat ta' direzzjoni ARGS-35E huwa inkluż fil-kumpless tal-missili kostali Bal li jużaw il-missili Kh-35/Kh-35E. JSC NPP Radar MMS tinvolvi ruħha wkoll fir-riċerka u l-iżvilupp ta' sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord li jistgħu jintużaw għal operazzjonijiet militari. | 23.2.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|---|--|---|-----------------|
| 1733. | Stanislav Petrovich SHEVCHUK (Станислав Петрович ШЕВЧУК) | Funzjoni: Eks Direttur Ġenerali ta' Federal State Enterprise Avangard (FKP Avangard) (sal-1 ta' Ottubru 2024) Data tat-twelid: 26.1.1972 Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 143400493354 | Stanislav Shevchuk kellu l-kariga ta' Direttur Ġenerali ta' Federal State Enterprise Avangard (FKP Avangard) sal-1 ta' Ottubru 2024. FKP Avangard hija intrapriża tad-difiża Russa li tissodisfa ordnijiet ta' difiża tal-istat għar-rimi ta' tagħmir u armi militari. FKP Avangard twettaq ukoll ħidma ta' riċerka u żvilupp fuq il-ħolqien u l-modernizzazzjoni tal-munizzjon. L-intrapriża hija proprjetà tal-istat permezz ta' Rostec State Corporation u Federal Agency for State Property Management. Il-modernizzazzjoni tal-intrapriża kienet koperta minn programm federali mmirat u l-amministrazzjoni territorjali tal-Federal Agency for State Property Management f'Bashkiria pprovdiet lil FKP Avangard b'art biex tespandi l-kapaċità tal-produzzjoni tagħha. Stanislav Shevchuk qed jappoġġa materjalment lil, u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 23.2.2024 |


| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|--|---|--|-----------------|
| 1741. | <p>Aleksey Konstantinovich TALAY</p> <p>magħruf ukoll bħala Aleksey TALAI</p> <p>(bir-Russu: Алексей Константинович ТАЛАЙ;</p> <p>bil-Belarussu: Аляксей Канстанцінавіч ТАЛАЙ)</p> | <p>Funzjoni: Fundatur u Kap tal-Fondazzjoni Karitatevoli Aleksey Talay</p> <p>Data tat-twelid: 22.1.1983</p> <p>Post tat-twelid: Orsha, Belarus</p> <p>Nazzjonalità: Belarussa</p> <p>Sess: raġel</p> | <p>Aleksey Talay huwa l-Fundatur u l-Kap tal-Fondazzjoni Karitatevoli Aleksey Talay. F'dan ir-rwol, huwa kien responsabbli għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Repubblika tal-Belarussja. Aleksey Talay huwa wieħed mill-persuni ewlenin involuti fid-deportazzjoni bil-forza ta' tfal Ukreni lejn il-Belarussja u l-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom minn familji Russi u Belarussi. Aleksey Talay u l-fondazzjoni tiegħu organizzaw u ffaċilitaw il-moviment tat-tfal mill-Ukrajna lejn il-Belarussja u kkoordinaw mal-membri tar-reġim tal-Belarussja biex jiffaċilitaw il-moviment tat-tfal mill-Ukrajna lejn ir-Russja qabel ma jittrasportawhom lejn il-Belarussja. Taħt it-tmexxija ta' Talay, it-tfal Ukreni huma indottrinati ideoloġikament. It-tfal huma mġiegħla jattendu programmi edukattivi li qed jappoġġaw b'mod attiv il-propaganda tal-istat Russu, li tiċħad pubblikament id-dritt tal-Ukrajna li tkun stat u tappella għad-"denazifikazzjoni", kif ukoll għad-"de-Ukrajnizzazzjoni" tal-pajjiż, u tippromwovi l-idea li l-Ukrajna għandha tkun parti integrali mir-Russja. L-azzjonijiet tiegħu jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna.</p> <p>Ingħata l-Ordni ta' Ħbiberija mill-President tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>Għalhekk, Aleksey Talay huwa responsabbli għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> | 23.2.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-------|---|---|---|------------------|
| 1784. | Aleksandr Aleksandrovich MORDOVIN (Александр Александрович МОРДОВИН) | Funzjoni: Imhalled tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa Data tat-twelid: 1974 Nazjonalità: Russa Sess: raġel | Aleksandr Mordovin huwa mhalled tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa. Fil-pożizzjoni tiegħu, ħa diversi deċiżjonijiet b'motivazzjoni politika kontra avversarji tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, kif ukoll deċiżjonijiet abbażi ta' raġunijiet reliġjużi. B'mod partikolari, Aleksandr Mordovin mexxa l-prosekuzzjoni kontra Osman Arifmemetov, Amet Suleimanov, u prigionieri politiċi oħra. Għalhekk, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.6.2024 |
| 1788. | Sergey Vyacheslavovich VINNIK (Сергей Вячеславович ВИННИК) | Funzjoni: Imhalled tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa Data tat-twelid: 1983 Nazjonalità: Russa Sess: raġel | Sergey Vinnik huwa mhalled tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa. Fil-pożizzjoni tiegħu, huwa mexxa l-prosekuzzjoni kontra diversi membri tal-komunità tat-Tartari tal-Krimea, bħal Tymur Ibrahimov u Seyran Saliev, kif ukoll prigionieri politiċi oħra tal-Krimea. Għalhekk, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.6.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|--|---|--|-----------------|
| 1793. | Dmitriy Fedorovich MEZENTSEV (Дмитрий Федорович МЕЗЕНЦЕВ) | <p>Funzjoni: eks Segretarju tal-Istat tal-Unjoni tar-Russja u tal-Belarussja, Rappreżentant Presidenzjali fil-Qorti Kostituzzjonali tal-Federazzjoni Russa</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Data tat-twelid: 18.8.1959</p> <p>Post tat-twelid: Leningrad, USSR (illum St. Petersburg, Russian Federation)</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Post suspettat: Moscow, Russian Federation</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 770302996102</p> | <p>Dmitriy Mezentsev huwa r-Rappreżentant Presidenzjali fil-Qorti Kostituzzjonali tal-Federazzjoni Russa u l-eks Segretarju tal-Istat tal-Unjoni tar-Russja u l-Belarussja. Fir-rwol tiegħu bħala s-Segretarju tal-Istat tal-Unjoni tar-Russja u l-Belarussja, Mezentsev ikkontribwixxa għad-deportazzjoni u l-adozzjoni illegali ta' tfal Ukreni. Iffaċilita d-deportazzjoni illegali lejn il-Belarussja u r-riedukazzjoni tat-tfal Ukreni. L-attivitajiet imwettqa minn Mezentsev huma parti minn strateġija usa' tal-Federazzjoni Russa għad-deportazzjoni illegali taċ-ċittadini Ukreni, li r-Repubblika tal-Belarussja hija kompliċi fiha. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, ir-Russja ttrasferiet ħafna persuni ċivili Ukreni lejn żoni okkupati mir-Russja, lejn ir-Russja nnifisha u lejn il-Belarussja filwaqt li spiss ċaħdet jew waqqfet lil dawk il-persuni ċivili milli jkollhom passaġġ sikur lejn partijiet tal-Ukrajna li huma taħt il-kontroll tal-gvern. Mezentsev huwa wieħed mill-mexxejja għolja involuti fid-deportazzjoni u l-ħtif bil-forza ta' tfal Ukreni lejn il-Belarussja. L-azzjonijiet ta' Mezentsev jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Dmitriy Mezentsev qed jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> | 24.6.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|---|---|--|-----------------|
| 1798. | Lyudmila Sergeevna BOLATAEVA (Людмила Сергеевна БОЛАТАЕВА) | Funzjoni: eks Ministru għall-Iżvilupp Soċjali tal- Oblast ta' Moska, viċi gvernatur tar-reġjun (oblast) ta' Moska Data tat-twelid: 30.1.1957 Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: mara Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772373111279 | Lyudmila Bolataeva hija l-viċi gvernatur tar-reġjun ta' Moska u l-eks Ministru għall-Iżvilupp Soċjali tal-Oblast ta' Moska. Fir-rwol tagħha bħala l-Ministru għall-Iżvilupp Soċjali tal-Oblast ta' Moska, hija kienet involuta fl-organizzazzjoni tad-deportazzjoni ta' tfal minn territorji okkupati Ukreni lejn ir-Russja. Dawk l-azzjonijiet jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Lyudmila Bolataeva qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.6.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-------|---|--|--|-----------------|
| 1815. | Vadim Viktorovich VASILIEV (Вадим Викторович ВАСИЛЬЕВ) | Funzjoni: Direttur tad-Dipartiment għall-Iżvilupp Reġjonali tar-Russja, li huwa parti mill-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku tal-Federazzjoni Russa | Vadim Vasiliev huwa l-eks Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Implimentazzjoni tal-Programmi ta' Investiment Reġjonali, mid-Dipartiment għall-Koordinazzjoni tal-Iżvilupp Soċjo-Ekonomiku tar-Reġjuni u mid-Dipartiment għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku ta' Ċerti Territorji. Kien inkarigat mill-implimentazzjoni tal-politika tal-Ministeru għall-Kostruzzjoni fir-reġjuni annessi ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson. Is-sussidji mill-baġit federali tal-Gvern Russu jgħaddu mill-Ministeru għall-Kostruzzjoni sabiex jissaħħaħ "l-iżvilupp mill-ġdid" tar-reġjuni Ukreni li bħalissa jinsabu taħt il-kontroll Russu. Bħalissa, huwa d-direttur tad-Dipartiment għall-Iżvilupp Reġjonali tar-Russja, li huwa parti mill-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, għadu membru tal-gvern Russu. Għaldaqstant Vadim Vasiliev qed jimplimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.6.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekar |
|--|------|--|---|-----------------|
| | | <p>Eks Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Implimentazzjoni tal-Programmi ta' Investiment Reġjonali, mid-Dipartiment għall-Koordinazzjoni tal-Iżvilupp Soċjo-Ekonomiku tar-Reġjuni u mid-Dipartiment għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku ta' Ċerti Territorji</p> <p>Data tat-twelid: 1986</p> <p>Post tat-twelid: Barnaul, Altai Territory, USSR (illum Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> |  | |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-------|--|---|--|------------------|
| 1823. | Vladimir Zografovich AVETISYAN (Владимир Зограбович АВЕТИСЯН) | Funzjoni: Direttur Ġenerali u fundatur ta' LLC RBA-Management Data tat-twelid: 4.5.1955 Post tat-twelid: Chelyabinsk Region, USSR (illum Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772005534726 | Vladimir Avetisyan huwa l-eks Direttur Ġenerali u l-fundatur ta' LLC RBA-Management. LLC RBA-Management hija kumpanija maniġerjali Russa li tipprovdi servizzi legali, kontabilistiċi, ta' sigurtà korporattiva u servizzi oħra ta' ġestjoni, u li taħdem ma' klijenti li jispeċjalizzaw fil-provvista ta' komponenti elettroniċi. LLC RBA-Management tiġġestixxi JSC Compel li tipparteċipa fi skemi ta' importazzjoni għal komponenti elettroniċi u tforni komponenti mikroelettroniċi ta' importanza strateġika lill-industrija Russa, inkluż l-industrija militari. Bħala d-Direttur Ġenerali u l-fundatur ta' LLC RBA-Management, Vladimir Avetisyan kien responsabbli għall-azzjonijiet tal-kumpanija u għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ materjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 24.6.2024 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-------|--|--|--|------------------|
